# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1784

Kaz Nru. 2257/AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Jesmond Garrett
u
B & S Manufacturing Limited
(C16941)

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

Illum it-Tnejn 7 ta' Mejju 2007

**Chairman : is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Dikjarazzjoni fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Jesmond Garrett mill-Avv. Marvic DeBarro fejn qeghda tghid illi din it-tkeccija ma kienetx ghal ragunijiet tajba u sufficjenti skond il-ligi ai termini tal-Att ta' l-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru. XXII ta' l-2002)

Is-Sur Jesmond Garrett aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant kien assistit mill-Avv. Marvic DeBarro. Il-Kumpanijja B & S Manufacturing Limited (C16941) li aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta kienet rapprezentata mis-Sur Anthony Borg Accountant/Administrator assistit mill-Avv. Vanessa Millo.

It-Tribunal zamm hdax (11) il-seduta.

**Dikjarazzjoni tal-kaz**

L-appellant jghid illi kien impjegat bhala full time *Production Technician* u kien ilu fl-impieg ghal seba' snin shah.

Illi x-xoghol tieghu kien jinvolvi maintenance fuq il-production lines u minn dejjem kien jaghmel dak it-tip ta' xoghol.

Illi fis-27 ta' Jannar 2005 id-Direttur tas-socjeta intimata s-Sur Joseph Busuttil dahal fil-workshop fejn kien jahdem l-appellant sabiex jara jekk ix-xoghol kienx sejjer tajjeb. L-appellant irrimarka li kien hemm xi parts li kellhomm bzonn jinbidlu fil-productiion lines. Dak il-hin id-Direttur innota li l-appellant kien qed jaqra xi materjal u jnizzel xi noti minn ktieb li kellu x'jaqsam ma' l-'economics'. Dak il-hin stess ukoll id-Direttur hadlu il-ktieb u qal lill-appellant biex imur mieghu fl-ufficcju.

Illi kemm il-productiion supervisor is-Sur Bruno Tucci kif ukoll l-amministratur tal-kumpanija s-Sur Anthony Borg intalbu biex imorru fl-ufficcju wkoll. Id-Direttur beda jghajjat kemm mal-production supervisor u anke mal-amministratur u qal li ma jistax jittollera xi haga bhal din tigri.

Id-Direttur dar lejn l-appellant u qallu li hu kien se jiehu hsieb ta' dan jekk ma kienx se jaghmel xi haga. Dak il-hin l-appellant fehem li d-Direttur kien qed jitolbu n-notice jew jitkecca.

Illi dakinhar il-'production lines' kollha kienu qed jahdmu tajjeb. Ix-xoghol kollu li kellu jsir u li kien assenjat lill-appellant, kien sar u hu kien qed jiehu hsieb xi 'breakdown faults' li setghu jinqalghu minn hin ghal hin.

Illi l-ghada jigifieri it-28 ta' Jannar 2005, l-appellant kien infurmat li waslu xi 'parts' tal-magna u flimkien mas-Sur Goran Medic li huwa l-mechanical engineer iffitjaw il-part u l-magna giet tiffunzjona ahjar u iktar safe.

Illi fl-ahhar tal-gurnata l-appellant gie infurmat mis-Sur Bruno Tucci biex jitla' fuq l-administration, u x'hin tela' sab lis-Sur Borg li tah ittra ta' terminazzjoni f'idejh li kellha tapplika b'mod immedjat. Din l-ittra ta' terminazzjoni kienet datata 27 ta' Jannar 2005 ghalkemm l-appellant dahal fit-28 ta' Jannar 2005 u hadem il-gurnata kollha.

Illi l-appellant dejjem esegwixxa x-xoghol tieghu bir-reqqa gewwa s-socjeta intimata u kien anke jiehu hsieb li ma jkunx hemm perikli u jesigi li jkun hemm training ghal kulhadd.

Illi l-appellant ihoss li huwa gie itterminat mill-impieg tieghu b'mod ingust u mhux sufficjenti f'ghajnejn il-ligi u ghalhekk jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jordna li l-appellant jirresumi ix-xoghol tieghu mill-gdid.

Is-socjeta intimata tghid illi l-appellant kien impjegat mas-socjeta intimata bhala *technician* u aktar tard *Senior Technician.*

Illi f'diversi okkazzjonijiet, l-appellant irraporta lis-socjeta intimata li kien ma jilflahx u ghalhekk ma kienx ser jattendi ghax-xoghol u meta mar it-tabib tal-kumpanija Dottor M. Schembri Wismayer M.D., sabiex jiccertifika l-istat ta' sahha ta' l-appellant, l-istess appellant ma nstabx id-dar.

Illi l-appellant kien qed jonqos li jwettaq xogholu sew ghas-sodisfazzjon tas-socjeta intimata u kellu inoltre attitudni negattiva fil-konfront ta' xogholu.

Illi nhar is-27 ta' Jannar 2005, l-appellant instab minn wiehed mis-superjuri tieghu jistudja suggett mhux relatat ma' l-impieg tieghu waqt il-hin tax-xoghol.

Illi l-appellant inghata diversi *warnings,* minghand is-socjeta intimata dwar l-agir skorrett tieghu. Minn naha tieghu l-appellant qatt ma ta spiegazzjoni valida ghal dan l-agir negattiv.

Illi minkejja d-diversi *warnings*, is-sitwazzjoni ma nbidlitx u ghalhekk is-socjeta intimata ma kelliex triq ohra hlief li tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Illi ghaldaqstant, is-socjeta intimata tissottometti illi l-impieg tieghu gie tterminat ghall-raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi.

**Provi**

Xhud Anthony Borg, Accountant/Administration, ilu fil-kariga mis-sena 1991, qal illi l-appellant kien inkarigat mit-technical department fejn gieli kien wahdu u gieli kellu tliet (3) minn nies. Il-hajja tieghu fuq ix-xoghol kien bhala tekniku, korrett, u jaghmel ix-xoghol tieghu u kellu problemi illi kien hemm affarijiet illi setghu jsiru hafna ahjar. Kellu hafna stoppages u problemi.

Qal illi kienu bghatu t-tabib tal-kumpanija Dr. M. Schembri Wismayer *(Dok B&S 1)* fejn kien mar ghandu d-dar fit-8 u fid-9 ta' Frar 2004 izda dawk il-hinijiet li mar hadd ma r-risponda u kien halla nota biex jikkuntattja lil-Management kmieni kemm jista' jkun. Kien hemm okkazjoni ohra *(Dok B&S 4)* li kien mar it-tabib id-dar ta' l-appellant ghax kien sick, fit-3 u l-4 ta' Marzu 2004 u hadd ma fetahlu, kien ukoll halla nota biex jikkuntatja lil-Management . Ghal darba ohra kien intbghat it-tabib id-dar ta' l-appellant *(Dok B&S 16)* fl-10 u l-11 ta' Novembru 2004 u hadd ma fetah il-bieb.

Fis-27 ta' Jannar 2005 kien gie mghajjat mis-Sur Joseph Busuttil, Managing Director biex jattendi fil-Board Room flimkien mas-Sur Bruno Tucci, Supervisor/Production u l-appellant ghax l-appellant kien instab qed jistudja xi

materjal privat li ma kellu xejn x'jaqsam max-xoghol tal-kumpanija. Is-Sur Busuttil kien ha decizjoni li jittermina l-impieg ta' l-appellant. Qal illi huwa kien indirizza l-ittra tat-terminazzjoni datata 27 ta' Jannar 2005 *(Dok B&S 19)*

Xhud Charles Foland, Production Engineer, impjegat ma' Foster Clark's Limited biex jaghmel studji illi jimpruvja l-makkinarju, l-operations u l-overall production ta' tliet (3) fabbriki magguri.

Minn Lulju tas-sena 2003 sa Lulju tas-sena 2004 kien kuntratjat li jimmuvja ghal B & S ghal-sena biex jara jekk jistghax jimpruvja l-efficjenza. Qal illi ghadu nvolut izda mhux daqs kemm kien. Kien sab illi kien hemm xi points li kienu lubrication points, maintenance illi dan l-equipment seta' kien ikkoregut (corrected) matul perjodu ta' zmien.

Mistoqsi dwar l-attitudni ta' l-appellant fuq ix-xoghol, qal "I found him demotivated and not putting full effort into seeing that the equipment is maintained" Qal ukoll illi "he 's the most competent person to with the years of experience at the plant and all of the problems that happened, he would have a solution or should have a solution" Fuq mistoqsija jekk jikkonfermax illi l-appellant fil-fatt ippruvax jaghmel mill-ahjar li jista' biex isolvi il-problemi kollha li jinqalghu, qal "I can't confirm whether he did his best or his worse."

Xhud Bruno Tucci, Supervisor responsabbli tal-production, qal illi l-appellant kien responsabbli tal-maintenance u jsewwi l-magni. Qal illi kien kull meta kien ikollu problema fuq xi "line" kien jghidlu biex isewwihilu jara kemm hemm hin biex tissewwa sabiex huwa jkun jaf kif jghamel bin-nies tieghu. Qal ukoll illi ma' l-appellant qatt ma kellu problemi personali izda fuq ix-xoghol problemi kien hemm imma l-appellant fl-ahhar zmien li kien fil-post xeba' joqoghod hemm, kien jaghmel l-affarijiet ta' bil-fors. Mistoqsi ghalliex qieghed jghid hekk qal illi l-appellant huwa kompetenti hafna fuq ix-xoghol u ghalhekk qal illi fl-opinjoni tieghu; qal illi bniedem tara meta ikun attiv u meta ma jkunx attiv.

Fic-cirkustanzi huwa kien jigbidlu l-attenzjoni.

Xhud Davic Diss, Export Manager ma' B & S qal illi meta mar fil-factory ma sab xejn minn dak li kien qed jistenna bhal ma huma inventories, parts, rakomandazzjonijiet dwar improvements to the line, xi haga ta ' annual planning, ma kien hemm ebda maintenance plan. L-appellant kien il-persuna responsabbli ghalhekk l-ewwel ma ghamel kien illi jistabbilixxi dokumentazzjoni dwar il-procedura bazika biex tigi korreguta is-sitwazzjoni. Bis-sahha ta' hekk ikun hemm feedback tal-maintenance. Qal illi wara li kien spicca l-appellant kienu impjegaw technicians u s-sitwazzjoni mpruvjat matul l-ahhar sena fl-efficjenza tal-kumpanija illi kienet inqas minn erba u sittin fil-mijja.

Xhud John Axiaq, Engineering Manager, qal illi huwa Engineer mal-mother company tal-group ta' Francis Busuttil & Sons li tinkorpora maghha B & S Manufacturing. Ilu fil-kariga hamsa u ghoxrin (25) sena. L-appellant jafu peress illi huwa nkarigat mid-departiment. Meta jkun jridu xi parts mill-istore jkun irid josserva x'gara . Lill-appellant u anke lil ta' fuqu qallhom illi certu affarijiet kienu jhalluhom wisq qabel ma jirrangawhom. Qal illi minhabba li ma kienx jkun hemm kontinwament kien jigbed l-attenzjoni ta' min kien fuqu, dak iz-zmien li kien is-Sur Tony Borg, illi certu affarijiet qed jigu ghandu b'kundizzjonijiet esagerati, affarijiet li ma tistennihomx.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk l-bicciet mikghewla tal-magna li ntwerew mix-xhud waqt ix-xhieda tieghu jekk matul iz-zmien kienx hemm xi osservazzjoni li saret lil appellant bil-miktub, ix-xhud irrisponda illi huwa gibed l-attenzjoni ta' min hu senior tieghu f'dik il-fabbrika ghax ma kienx jaqa' taht il-gurisdizzjoni tieghu.

Xhud Dr. Mark Wismayer qal illi huwa t-tabib tal-kumpanija. Mistoqsi jekk hemmx okkazjonijiet fejn mar ghand l-appellant u ma sabux id-dar, qal illi fil-kaz ta' l-appellant jahseb li sab hafna noti wara l-bieb li t-tabib ittawwallu u ma kienx

id-dar. Qal illi kien dejjem ihallielu nota lil appellant li tghid, "Doctor called at eleven fifty (ezempju) no answer, to contact the management"

Xhud Joseph Busuttil, Direttur ta' B & S Manufactruing qal illi l-appellant kien Senior Technician, kien responsabbli jekk hemm xi magni godda jinstallawhom u jhaddmuhom u jekk hemm xi hsarat waqt il-production jissewwew il-magni u illi jaghmlu preventive maintenance. Irid jghallem l-operators biex ihaddmu l-linji, affarijiet importanti bhal general safety fil-fabbrika li huwa role importanti hafna.

L-appellant kien ilu sitt (6) snin mal-kumpanija imma matul l-ahhar zmienijiet l-attitudni tieghu tbiddlet hafna. Il-livell ta' maintenance u tiswijiet naqas serjament. Koperazzjoni mall-management ma kienx hemm fis-sens illi ta' preventive maintenance, l-ordnijiet ghal-parts, li jghallem in-nies kemm teknici jew operators.

Punt iehor fejn il-management kien ried illi minn naha tat-technicians izommu rapport regulari fil log taghhom sabiex jigi mmonotorjat x'sar fuq il-magni f'terminu ta' maintenance, tiswijiet u wkoll bhala spejjes. Gara illi l-appellant ma riedx jimlihom dawn il-formoli. Kien hemm kaz illi kien qed jaghmel ir-ronda tieghu tas-soltu u sab lill-appellant jistudja gol-workshop, kellu kotba ta' economics suggett illi ma ghandux x'jaqsam max-xoghol tieghu ta' Senior Techician. Kien hemm ukoll zmien li kellhom pressjoni ta' xoghol u kien talab lill-appellant biex jghoqod overtime, gara illi ma kienx ried jghoqod ghal overtime minghajr ma ta' raguni.

Xhud l-Appellant qal illi kien ilu mal-kumpanija seba' (7) snin u nofs. Fis-sena 2000 ha l-kariga ta' Senion Technician illi kienet ta' Production Technician. Qal ukoll illi huwa kkwalifikat kemm bhala electrician fuq sistema ndustrijali u kif ukoll bhala technician fuq elettronika. Meta dahal mall-B & S ma kien hemm l-ebda team ta' technicians kif qal Joseph Busuttil fix-xhieda tieghu. Kienu huwa u engineer George Grech. Damu huma biss sa sentejn.

Meta dahal mal-kumpanija ma kien hemm ebda procedura la ta' preventive maintenance, la ta' standard operating procedures ghall-operators u lanqas sistema ta' daily maintenance. Kienu jaghmlu nofs siegha kuljum jistennew persuna minn Foster Clark titla' biex tisettjalhom inject coder. Wara li kien qara l-manual ta' l-inject coder kien tkellhem ma' Tony Borg u qallu li jahseb illi kien kapaci jsolvi din il-problema. Kien gie mghoti l-go ahead u fil-fatt solvija. Sostna illi ma kien hemm ebda technician ta' Foster Clark li ndenja ruhu jsewwieha u l-anqas John Axiaq. Kienet accettata bhala fatt illi jistennew nofs siegha. B'hekk in-nofs siegha li kienu jistennew spiccat u il-production kienet tibda mill-ewwel.

Fir-rigward taz-zewg kompressuri illi s-Sur Joseph Busittil xtaq li dawn jahdmu b'mod *"parallel"* qal illi ma kienx ghamilhom jahdmu flimkien minhabba li ma kellhomx supply ta' forza ta' dawl qawwi bizzejjed illi ha johodlok zewg kompressuri u hames linji. Fil-fatt il-feeder ta' l-Enemalta gie msahhah tliet xhur qabel ma spicca mix-xoghol. Bhala kompressor *"in parallel"* qal illi seta' jaghmillhom u gieli ppruvhom ghalkemm bhala esperiment. Punt iehor kien dwar il-greasing, qal illi kien ghamel sistema li kien bdijha huwa li kienet ta' daily maintenance u weekly maintenance tant illi kien anke pinga s-sistema lill-operators, il-grease points li hemm fuq il-manual, spiegghalhom u kien jurihom fizikament kif ghandhom jiggrizjaw.

Xhud Alfred Lofaro eks-impjegat qal illi huwa kien technician grade two. L-appellant kien is-supervisor tieghu u kien iqassmilhom ix-xoghol tal-gurnata. Ix-xoghol taghhom kien fuq il-magni u meta ma kienux jaslu huma kienu jirrikorru ghand l-appellant.

Xhud Omar De Brincat, machine setter, impjegat tas-socjeta intimata qal illi kien ghadu qed jitghallem fuq il-magni kif tissettja u kif thaddimha; l-appellant kien it-technician li jghalmu u kien jghajnu minn x'hiex tkun gejja l-problema.

**Sottomissjonijiet finali**

Is-socjeta intimata ghamlet l-introduzzjoni kif qed jigi spiegat:

Illi l-appellant f'diversi okkazzjonijiet irraporta lis-socjeta li kien ma jiflahx u meta mar it-tabib tal-kumpanija sabiex jiccertifika li stat ta' sahha ta' l-appellant, l-istess appellant ma kienx id-dar.

Illi l-appellant kien qed jonqos li jwettaq xogholu sew u kellu attitudni negattiva fil-konfront ta' xogholu.

Illi l-appellant inghata diversi *warnings* minghand is-socjeta intimata dwar l-agir skorret tieghu u l-appellant qatt ma ta spegazzjoni wahda ghal dan l-agir negattiv.

Illi fil-21 ta' Mejju 2004 l-appellant addirettura nghata a *"formal final warning"* mis-socjeta intimata.

Illi nhar is-27 ta' Jannar 2005, l-appellant instab minn wiehed mis-superjuri tieghu jistudja suggett mhux relatat ma' l-impieg tieghu waqt il-hin tax-xoghol.

Illi ghalhekk fic-cirkustanzi kollha tal-kaz, is-socjeta intimata ma kelliex triq ohra hlief li tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Illi ghaldaqstant is-socjeta intimata tissottometti illi l-impieg ta' l-appellant gie tterminat ghall-raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi.

L-appellant jghid illi kien ilu fl-impieg ghal seba' snin fuq bazi full time bhala Production Technician fejn kellu xoghol li jinvolvi maintenance fuq il-production lines.

Illi l-impieg ta' l-esponent gie tterminat nhar is-27 ta' Jannar 2005 minhabba l-incident partikulari fejn l-esponent kellu ktieb li kien qed itih daqqa ta' ghajn. It-tkeccija tieghu saret minhabba l-incident partikulari.

Illi d-dokumenti mressqa mis-socjeta intimata m'humiex *warnings* kif dejjem qalet hi pero *internal memos* li kienu jintbaghtu lil diversi persuni fosthom l-esponent sabiex tingibed l-attenzjoni taghhom kollha fuq diversi punti li kienu jitqanqlu fis-socjeta intimata min zmiem ghal zmien.

Illi r-rikorrent ghamilha cara dwar il-memos a fol 23 tax-xhieda tieghu datata 27 ta' April 2006, *"jien qatt ma ddejjaqt inwiegibhom il-memos, jigifieri jekk jiena ghandi punt inkun nixtieq nikkontestah"* u kompla jghid *"jien qatt ma qaluli memo hija warning"*

Illi r-rikorrent jghid ukoll li kien hemm tliet memos specifici li hu ma rceviex a fol 27 li jispiega li, *"le kelli tlieta ma rcevejtx jien. Kelli BS 18 ma rcevejthiex, kelli l-BS 11 ma rcevejtiex u l-BS 12 li qed nitkellmu fuqha bhalissa"*

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellant hadem mas-socjeta intimata ghal seba' snin u nofs. Beda fis-sena 1997 u kien propju fis-sena 2000 li ha l-kariga ta' *Senior Technician.* Dan il-kaz kien dominat minn tul ta' xhieda. It-Tribunal htieglu illi jara u janalizza liema mix-xhieda hija relatata direttament u indirettament ma' kaz ta' tkeccija ta' l-appellant. Is-socjeta intimata fl-Istqarrija tal-Kaz ghamlet il-kaz ta' tkeccija fejn sostniet illi l-appellant kien qed jonqos li jwettaq xogholu sew ghas-sodisfazzjon tas-socjeta intimata u kellu inoltre attitudni negattiva fil-konfront ta' xogholu. Illi f'diversi okkazzjonijiet l-appellant irraporta lis-socjeta intimata li kien ma jiflahx u ghalhekk ma kienx ser jattendi ghax-xoghol u meta mar it-tabib tal-kumpanija Dr. M. Schembri Wismayer M.D. sabiex jiccertifika l-istat ta' sahha ta' appellant, l-istess appellant ma nstabx id-dar.

Illi fis-27 ta' Jannar 2005 l-appellant instab minn wiehed mis-superjuri tieghu jistudja suggett mhux relatat ma' l-impieg tieghu waqt il-hin tax-xoghol.

Illi l-appellant inghata diversi *warnings* minghand is-socjeta intimata dwar l-agir skorrett tieghu. Minn naha tieghu l-appellant qatt ma ta' spjegazzjoni valida ghal dan l-agir negativ.

L-appellant fl-Istqarrija tal-Kaz qal illi d-dokumenti mressqa mis-socjeta intimata m'humiex *warnings* izda huma *internal memos* li kienu jinghataw lil diversi persuni fosthom l-esponent sabiex tingibed l-attenzjoni taghhom kollha fuq diversi punti li kienu jitqanqlu fis-socjeta intimata minn zmien ghal zmien. L-appellant wera bic-car fuq il-mod kif l-*internal memos* gew ikkunsidrati u nterpretati bhala *warnings* mis-socjeta intimata ghar-raguni li l-mod kif inhargu jmorru kontra l-ispirtu tar-relazzjonijiet industrijali u dan meta jitqis li dawn l-*internal memos* ma kienux specifikament indirizzati lill-esponent. Sostna wkoll illi l-principju li *warning* ghandu jingieb a konjizzjoni ta' l-impjegat koncernat u l-impjegat ghandu jinghata l-opportunita wara li jkun ezaminah, sabiex jichad jew jikkonferma l-kontenut tieghu billi jiffirmah jew le. Fil-fatt tieghu dana kollu ma sehhx.

L-appellant qal kif bis-sahha tieghu ittiehdet inizjattiva sabiex dewmien li kien ezistenti fis-socjeta intimata l-ewwel nofs siegha ta' filghodu minhabba l-*inject coder* tnehha billi kien huwa stess li gibed l-attenzjoni tas-Sur Tony Borg fejn is-Sur Borg tah il-*go ahead* sabiex isolvi din il-problema. Hekk gara u din in-nofs siegha giet evitata, jigifieri kienu jibdew mill-ewwel bil-production. Semma illi kien introduca wkoll sistema ta' grading ghall-operators kollha ghax beda jinduna li kien hemm nuqqas ta' tahrig fihom.

It-tkeccija mill-impieg saret minhabba diversi nuqqasijiet li l-appellant ghamel ma tul iz-zmien ta' l-impieg tieghu mas-socjeta intimata. L-appellant semma u

kkwota numru ta' punti li huwa ghamel matul iz-zmien fl-impieg tieghu punti li skond l-appellant kienu ta' beneficcju ghat-tmexxija tas-socjeta intimata. L-appellant kien fi grad ta' *Senior Technician,* grad illi jitlob mill-impjegat attenzjoni specjali fix-xoghol tieghu, direzzjoni, meljorament fis-sistemi relatati fil-livell tax-xoghol tieghu u responabilta perfetta u kontinwa.

Is-socjeta intimata hadet il-pass ta' tkeccija wara illi l-appellant beda juri attitudni negattiva u nuqqas ta' interess kif mehtieg mill-pozizzjoni tal-grad tieghu ta' *Senior Technician*.

Is-socjeta intimata ma' l-Istqarrija tal-Kaz ipprezentat numru ta' dokumenti mmarkati minn *B & S 1 sa B & S 19* li juru n-nuqqasijiet ta' l-appellant.

It-Tribunal jara illi l-kariga ta' *Senior Technician* li kien jokkupa l-appellant kienet kariga ta' direzzjoni, supervizzjoni fuq il-haddiema u l-makkinarju u l-obligu illi jara, jissorvelja u jtejjeb l-istat ta' l-ghandament tax-xoghol fl-interess tas-socjeta li lejha kien responsabbli.

Fil-qosor in-nuqqasijiet ta' l-appellant kienu illi meta mar it-tabib tal-kumpanija d-dar tieghu biex jinvistah ma sabux d-dar, dan kien ghal aktar minn darba *(Dok. B&S 1 fi-8 u d-9 ta' Frar 2004), (Dok. B&S 4 fit-3 u l-4 ta'Marzu 2004)* Incident ma' superjur tieghu is-Sur Charles M. Foland *(Dok. B&S 9)* li jghid, *"I consider the above attitude and words to be an incident of "Gross Misconduct" and that this matter should be treated as such"* Ittra mid-Direttur tas-socjeta intimata s-Sur Joseph Busuttil *(Dok. B&S 11)* bis-suggett, *"Lingering about while on duty"* Ittra mill- Personnel Department *(Dok. B&S 12)* dwar *absent without leave* u *refusing to work overtime without giving any reason*. Zewg dokumenti ohra mit-tabib tal-kumpanija *(Dok. B&S 14)* u (Dok B&S 16) jghidu illi ma sabux id-dar.

Minn l-ezami ta' dan il-kaz jirrizulta illi l-appellant naqas serjament milli josserva sewwa l-obligazzjonijiet tieghu sew bhala mpjegat u wisq aktar meta kien jokkupa

il-grad ta' *Senior Technician*. It-Tribunal jinnota illi s-socjeta intimata tghat zmien bizzejjed biex l-appellant ibiddel l-attitudni tieghu sa kemm waslet biex hadet id-decizjoni li titterminalu l-impieg tieghu.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra' l-Istqarrijja tal-Kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodotta, ra d-dokumenti esebiti, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija ta' l-appellant mill-impieg tieghu mas-socjeta intimata kienet ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lil-partijiet fis-somma ta' Lm40.00 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat) Alphonse Caruana**
**Chairman**

**VERA KOPJA**

**Monica Seychell**
**A/Segretarja**